# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru. 1227

Kaz Nru. 1345

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Alfred Doublet

u

Zet Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta.

Illum, 19 t'Ottubru 2001

**Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

INTRODUZZJONI:

Illi b'ittra datata 18 ta' Mejju, 1999 l-appellant talab lill-Onorabbli Ministru ghal Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal liema riferenza saret f'ittra datata 20 ta' Mejju, 1999 ai termini tal-Kap 266.

DIKJARAZZJONII TAL-KAZ:

Illi l-appellant jallega li huwa wegga' fuq il-lant tax-xoghol u ma setax jattendi ghad-doveri tieghu. Sar ir-rapport debitu lid-Dipartiment tax-Xoghol u nghata ghal verifika quddiem il-Bord Mediku tal-Korriment. Dawn ikkonfermawh li kien tajjeb ghax-xoghol f'Dicembru 1999, pero' is-socjeta' intimata tterminatlu l-impjieg tieghu qabel.

Da parti taghha s-socjeta' intimata rribattiet li waqt l-'injury leave', l-appellant kien xorta jahdem u ma kompliex billi hu kellu diverb ma' wiehed mid-Diretturi u ma rritornax. F'dan is-sens, il-principal ikkonsidrah li abbanduna x-xoghol, u ghalhekk kien gust li jitterminalu.

Xhieda:

L-appellant xehed li beda bhala masturdaxxa u wiehed jista' jghid li kien irnexxa. Kien jordna l-materjal, jivvinta processi u proceduri. Kien relatat bi zwieg mas-sidien tal-fabbrika. Kienet qisha tieghu. Wara tant snin ta' hidma lejali u dedikazzjoni totali, ippretenda li jkun trattat b'mod differenti u mhux meqjus bhala haddiem ordinarju. Kien konoxut u kellu jibbenefika mill-istipulazzjonijiet tal-ligi.

Saviour Zammit xehed li ghalkemm kien wegga' subajh, l-appellant xorta wahda kien jattendi ghax-xoghol. Wara ftit granet li wegga', dahal jaghmel xoghol ta' tiswija, spray, maintenance, qlugh ta' wires, ippakkjar u supervizjoni. Wara kollox l-appellant kien jaghmilha ta' kollox fuq il-lant, imidd idejh u bhala wiehed tal-familja b'servizz twil u ghallem lil kull min kien hemm jahdem biex jifhem f'kollox. F'okkazzjoni minnhom, hekk

kif dahal ghax-xoghol filghodu, kellu xi jghid ma' wiehed mid-Diretturi, gew bil-paroli, telaq u ma giex lura. Meta hekk ma kellux triq hlief li jittermina l-impjieg.

Mario Kaszan, George Sammut, Roderick Dalli, Angela Nastasi, Michelle Nastasi, Martin Saliba, Pierre Zammit u Glenn Zammit, ikkonfermaw din il-versjoni u fatti.

KONSIDERAZZJONIJIET:

Dan il-kaz huwa wiehed minn dawk il-hafna kazijiet li m'ghandhomx jaslu f'dan l-istadju , kieku il-partijiet jaghmlu uzu ahjar mill-proceduri disponibbli ghalihom.

L-Art 32(4) tal-Kap 266 jistipula li dan t-Tribunal ma jistax imur kontra l-ligi miktuba. Di fatti, l-Att dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xoghol fl-Art 10. u 34 (15) (Kap. 135) jipprevedi l-kaz fejn haddiem iwegga', l-procedura li trid tigi segwita.

Haddiem li jwegga' jekk ikun il-kaz, jista' jiehu sa sena 'injury leave'. L-impjieg ma jistax jigi terminat jekk mhux bi ftehim. Inoltre, dan ikun verifikat mid-Dipartiment tax-Xoghol u l-Bord Mediku relatttiv. Jigi rilevat li ma sar l-ebda kuntatt u/jew liaison bejn il-principal, haddiem u l-istess dipartiment. Ir-raguni minhabba r-relazzjoni familjari?

In vista li kien ghadu ghaddej Bord, kien qed jaghmel sew l-impjegat li jmur fuq il-lant tax-xoghol u jaghti daqqa t'id? Dan l-atteggjament ghalhekk ghandu jintuza kontra tieghu? Bl-injury li kellu l-impjegat ma kienx tajjeb ghall-ebda xoghol?

Kellu jdum daqshekk biex jkun tajjeb li jirritorna ghax-xoghol? Il-fatt li kienu familjari, x'kienet l-ahhar sena tieghu ta' xoghol, gie nfluwenzat bl-atti tieghu li adopera li in vista tal-korriment b'subajh wiehed bil-kappa mtajjra - ma kien kapaci jaqdi l-ebda dover! Ma jirrizultax li l-appellant ghamel talba simili lil principal tieghu, jew li l-istess principal tieghu ghamel offerta f'dan is-sens. Dan il-kaz seta' gie trattat b'mod aktar gust fil-konfront taz-zewg partijiet. Dawn l-elementi ser jittiehdu in konsiderazzjoni mit-Tribunal fil-konkluzjoni tieghu. Iz-zewg partijiet hadmu l-parti b'mod erroneu a skapitu taghhom infushom.

In vista li s-socjeta' intimata m'ottemperatx ruhha mal-ligi meta tterminat l-impjieg ta' haddiem li kien qieghed fuq 'injury leave', it-tkeccija ma jistax jinghad li hija wahda gusta. In vista pero' minn naha l-ohra li l-appellant seta' jekk ried jimxi b'mod differenti mal-principal tieghu u jipprofitta ruhu mis-sitwazzjoni ma jistax u ma ghandhux jinghata l-kumpens kollu minnu mitlub, aktar u aktar meta gja gawda sia mill-imghallem u sia mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Aktar u aktar meta kienet l-ahhar sena lavorattiva gja spicca bil-pensjoni, ammont ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) ikun aktar ekwu fic-cirkostanzi kollha prevalenti tal-kaz.

KONKLUZZJONI

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara li t-tkeccija ma kinitx wahda gusta, u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz kif fuq esposti, il-kumpens qed jigi limitat fis-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin).

B'hekk din il-kwistjoni hija definittivament maghluqa.

Ghal fini ta' tassazzjoni, it-Tribunal jiffissa s-somma ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40) lil kull parti.

**DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**
**CHAIRMAN**